

Brussell, 22 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14330/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0372 (NLE)

AVIATION 152
RELEX 963
ENV 771
CLIMA 224

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Farsien Ambjentali - Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali,
fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati
dwar il-Ħarsien Ambjentali - Skema ta' Kumpens
u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni"), li għandha l-għan li tirregola t-trasport bl-ajru internazzjonali, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Din stabbilixxiet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (l-ICAO).
- (2) L-Istati Membri tal-Unjoni huma Stati kontraenti għall-Konvenzjoni u membri fl-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċertu korpi tal-ICAO.
- (3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill tal-ICAO għandu jadotta standards internazzjonali u prattiki rakkomandati.
- (4) Il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima intemmet b'suċċess f'Diċembru 2015 bl-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. L-għan tal-Ftehim ta' Pariġi huwa li jillimita ż-żieda fit-temperatura medja globali b'ferm inqas minn 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, u jkompli l-isforzi biex jillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1,5°C 'il fuq minn dawk il-livelli. Jenħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet, inkluża l-avjazzjoni internazzjonali.

- (5) Fl-2016, id-39 Assemblea Ġenerali tal-ICAO ddeċidiet, permezz tar-Riżoluzzjoni A39-3, li tiżviluppa mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni internazzjonali jiġu limitati għal-livelli tagħhom tal-2020. Il-pożizzjoni tal-Unjoni f'dan ir-rigward ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915¹.
- (6) Fis-27 ta' Ġunju 2018, waqt l-10 laqgħa fil-214-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta l-Ewwel Edizzjoni ta' Volum IV tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni: l-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali – Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA).
- (7) Ir-regoli li jinsabu f'CORSIA huma soġġetti li jsiru vinkolanti f'konformità mal-Konvenzjoni u fil-limiti stabbiliti minnha. Huma soġġetti wkoll li jsiru vinkolanti għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont il-ftehimiet eżistenti internazzjonali dwar it-trasport bl-ajru.
- (8) Skont l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni, ħlief jekk maġġoranza tal-membri kontraenti jirreġistraw id-disapprovazzjoni tagħhom, CORSIA ser issir effettiva tliet xhur wara l-iskadenza għar-reġistrazzjoni tad-disapprovazzjoni.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istrument internazzjonali li għandu jitfassal fi ħdan il-korpi tal-ICAO u maħsub biex iwassal għall-implimentazzjoni mill-2020 ta' miżura globali unika bbażata fuq is-suq għall-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali (ĠU L 153, 10.6.2016, p. 32).

- (9) L-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni jkopri devjazzjonijiet minn standards u proċeduri internazzjonali. Skont dak l-Artikolu, kwalunkwe Stat kontraenti li jsibha imprattikabbli li jikkonforma f'kull aspekt ma' kwalunkwe tali standard jew proċedura internazzjonali, jew li jressaq ir-regolamenti jew il-prattiki proprji tiegħu f'konformità sħiħa ma' kwalunkwe standard jew proċedura internazzjonali wara l-emendar ta' dan tal-aħħar, jew li jqis li huwa neċessarju li jiġu adottati regolamenti jew Prattiki differenti fi kwalunkwe aspekt partikolari minn dawk stabbiliti minn standard internazzjonali, jeħtieġ li jagħti notifika immedjata lill-ICAO tad-differenzi bejn il-prattika tiegħu u dik stabbilita mill-istandard internazzjonali.
- (10) Fl-20 ta' Lulju 2018, l-ICAO bagħtet l-Ittra lill-Istati AN 1/17.14 – 18/78 ("l-Ittra lill-Istati"), li fiha talbet lill-Istati kontraenti sabiex l-ewwel nett, jinnotifikaw kwalunkwe diżapprovazzjoni ta' kwalunkwe parti ta' CORSIA qabel it-22 ta' Ottubru 2018 u, it-tieni, sabiex jinnotifikaw kwalunkwe differenza bejn il-prattiki nazzjonali tagħhom u l-CORSIA u d-data mistennija għall-konformità qabel l-1 ta' Diċembru 2018.
- (11) CORSIA ser issir applikabbli għal operatur tal-ajruplani li annwalment jipproduċi emissjonijiet ta' CO₂ ta' aktar minn 10 000 tunnellata minn titjiriet internazzjonali mwettqa minn ajruplani b'massa waqt it-tluq massima ċertifikata ta' iktar minn 5 700 kg, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet umanitarji, mediċi u għat-tifi tan-nar.
- (12) Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika ("MRV") stabbiliti f'CORSIA ser isiru applikabbli mill-1 ta' Jannar 2019.

- (13) Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2035, ir-rekwiżiti ta' kumpens ta' CORSIA ser isiru applikabbli għal operatur tal-ajruplani li jwettaq titjiriet internazzjonali (kif definit fil-punt 1.1.2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II, u fil-punt 2.1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II) bejn l-Istati kontraenti msemmija fid-dokument tal-ICAO segwenti intitolat "CORSIA States for Chapter 3 State Pairs".
- (14) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni bi tweġiba għall-Ittra lill-Istati. Dan għaliex CORSIA ser tkun tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (15) Minħabba li CORSIA ser tippermetti li jinkiseb progress sinifikanti fil-livell internazzjonali, jenħtieġ li l-ebda diżapprovazzjoni ma tiġi nnotifikata skont l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni.

¹ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (16) L-Unjoni tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi mwettqa fi ħdan l-ICAO sabiex CORSIA ssir operazzjonali malajr kemm jista' jkun. Skont id-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tittraduċi r-rekwiżiti MRV ta' CORSIA f'atti tal-Unjoni bid-dħul fis-seħħ mistenni sa Jannar 2019. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jqis modi biex dawk l-istrumenti jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Il-limitu taż-żmien li fih id-differenzi possibbli jridu jiġu nnotifikati skont l-Ittra lill-Istati huwa qasir wisq biex kwalunkwe adattament f'CORSIA jiġi adottat mill-Unjoni sa dak il-limitu. Għalhekk, bil-għan li l-ICAO tikkunsidra b'mod komplet is-sitwazzjoni ġuridika attwali fil-livell tal-Unjoni kif ukoll il-ħidma mibdija fil-qasam tal-MRV, jenħtieġ li, bi tweġiba għall-Ittra lill-Istati, l-Istati Membri jinnotifikaw bid-differenzi f'konformita mal-addendum għal din id-Deċiżjoni.
- (17) L-Artikolu 28b(2) u (3) tad-Direttiva 2003/87/KE jkopri s-segwitu li għandu jitwettaq fir-rigward tal-eżitu tal-ħidma fil-livell tal-ICAO. Huwa xieraq li l-ICAO tkun infurmata dwar it-termini ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
- (18) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-ICAO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni bi tweġiba għall-Ittra lill-Istati AN 1/17.14 – 18/78, maħruġa mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fl-20 ta' Lulju 2018, hija mniżżla fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-ICAO.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
